

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 5.
## IT-TWELID TAL-BATTISTA

**Luqa 1:57-80**

Meta wasal iz-zmien li tehles, Elizabetta tat id-dawl lil tifel. Id-dar ta' Zakkarija intliet b'ferh kbir u maghhom inqaghdu l-girien u l-qrabat kollha taghhom.

Meta t-tarbija kellha tmient ijiem, il-girien gew biex jaghmlulha c-cirkuncizzjoni u jaghtuha isem. Kienu ser isemmughha Zakkarija ghal-missieru, imma Elizabetta waqfithom u qaltilhom: "Le, ismu jkun Giovanni. "

Il-girien qalulha li ma kien hemm hadd fil-familja jismu hekk.

Marru ghand Zakkarija missieru u staqsewh bis-sinjali x'isem xtaq jaghti lil ibnu tarbija. Zakkarija talab xi haga fuqhiex jikteb u kiteb li ismu ghandu jkun Giovanni.

Dak il-hin fommu nfetah u beda jfahhar lil Alla u l-girien kollha staghgbu ghal dak li gara u bdew jghidu: "X'ghad ikun dan it-tifel?" Kull min sema' b'dak li gara xerred dik il-grajja ma' l-inhawi kollha tal-Lhudija. Id il-Mulej kienet mieghu. U Zakkarija ntela' bl-Ispirtu Santu, fetah fommu u qal: "

Imbierek il-Mulej Alla ta' Izrael ghax zar u feda l-poplu tieghu.

Qajjem ghalina qawwa ta' helsien f'dar David qaddej tieghu bhalma wieghed fl-imghoddi b'fomm il-qaddisin profeti tieghu; biex isalvana mill-ghedewwa taghna u minn idejn dawk kollha li joboghduna.

B'hekk juri l-hniena ma missierijtna u jiftakar fil-patt qaddis tieghu, fil-halfa li halef lill Abraham missierna: li jaghtina l-grazzja li wara li jehlisna minn idejn l-ghedewa taghna naqduh bla biza', bil-gustizzja u l-qdusija quddiemu hajjitna kollha.



U inti tfajjel tissejjah profeta ta' l-aktar gholi ghax tmur qabel il-Mulej biex thejjilu triqatu u tgharraf lill- poplu tieghu bis-salvazzjoni permezz tal-mahfra ta' dnubiethom, moghtija mill-qalb hanina ta' Alla taghna, li mill-gholi jigi jzurna bhax-xemx tielgha; u jdawwal lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt u jmexxi l-passi taghna fit-triq tas-sliem."

U t-tifel kiber u ssahhah f'ruhu, u baqa' jghix fid-dezert sa dak in-nhar li hareg quddiem Izrael.

## RIFLESSJONI

ZAKKARIJA JIRRAPREZENTA R-REZISTENZI TAGHNA LILL-MULEJ LI JRID JAGHMEL MINNA BNEDMIN GODDA. EJJEW INKUNU UMLI U NCEDU R-RIEDA IEBSA TAGHNA LIL ALLA U NGHIDULU "AGHMEL MINNA DAK LI TRID".